

3) Il-fatt li l-akkwired ippreżenta dikjarazzjoni relattiva għall-akkwired intra-Komunitarju, bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, lill-awtoritajiet fiskali ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni, jista' jikkostitwixxi prova addizzjonali intiża sabiex tistabbilixxi li l-merkanzija effettivament telqet mit-territorju ta' l-Istat Membru tal-kunsinna, iżda ma jikkostitwixxi prova deċiżiva għall-finijiet ta' l-eżenzjoni mill-VAT ta' provvista intra Komunitarja.

(¹) ĠU C 300, 4.12.2004.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-27 ta' Settembru 2007 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof — Il-Ġermanja) — Albert Collée, bħala aventi kawża universali ta' Collée KG vs Finanzamt Limburg an der Lahn

(Kawża C-146/05) (¹)

(Sitt Direttiva tal-VAT — L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 28c(A)(a) — Fornitura intrakomunitarja — Rifjut ta' eżenzjoni — Prova tal-fornitura mressqa tardivament)

(2007/C 297/03)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Albert Collée, bħala aventi kawża universali ta' Collée KG

Konvenuta: Finanzamt Limburg an der Lahn

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesfinanzhof — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 28c (A), (a) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145 p. 1), kif emendata — Ċaħda ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ ta' provvista intrakomunitarja

ta' beni — Produzzjoni tardiva tal-kont li kien juri l-karattru interkomunitarju tat-transazzjoni

Dispożittiv

L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 28c(A)(a) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1991, għandu jiġi interpretat fis-sens illi jipprekludi li l-awtorità tat-taxxa ta' Stat Membru tirrifjuta li teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud forniture intrakomunitarja, li ċertament twettqet, għall-motiv biss li l-prova ta' din il-fornitura ma tressqitx fi żmien utli.

Waqt l-eżami tad-dritt għal eżenzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud marbut ma' tali forniture, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-persuna taxxabbli hbiel, inizjalment u konxjament, l-eżistenza ta' forniture intrakomunitarja fil-każ biss illi jeżisti riskju ta' telf ta' dħul fiskali u jekk dan ma ġiex kompletament eliminat mill-persuna taxxabbli.

(¹) ĠU C 143 ta' 11.6.2005.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-27 ta' Settembru 2007 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden) — Twoh International BV vs Staatssecretaris van Financiën

(Kawża C-184/05) (¹)

(Is-Sitt Direttiva tal-VAT — L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 28c A(a) — Kunsinni intrakomunitarji — Eżenzjoni — Nuqqas ta' obbligu fuq l-awtorità tat-taxxa li tiġbor provi — Direttiva 77/799/KEE — Għajjuna reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u indiretta — Regolament (KEE) Nru 218/92 — Kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni)

(2007/C 297/04)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Twoh International BV

Konvenuta: Staatssecretaris van Financiën

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Hoge Raad der Nederlanden — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 28ċ A(a) tad-Direttiva 77/388/KEE: is-Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1), flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE tad-19 ta' Diċembru 1977 dwar l-ghajjnuna komuni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u indiretta (ĠU L 336, p. 15), kif emendata permezz tad-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 76, p. 1) u flimkien mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 218/92 tas-27 ta' Jannar 1992, dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam ta' tassazzjoni indiretta (VAT) (ĠU L 24, p. 1) — Bejgħ u trasport ta' merkanzija lejn Stat Membru ieħor fisem ix-xerrej — Nuqqas ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni rilevanti mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn tasal il-merkanzija — Obbligu jew le, għall-awtoritajiet ta' l-Istat Membru minn fejn titlaq il-merkanzija, li jitolbu informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn tasal il-merkanzija, u jekk ikun il-każ, li jeħduha in kunsiderazzjoni.

Dispożittiv

L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 28ċ A(a) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 95/7/KE, ta' l-10 ta' April 1995, moqri flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1977, dwar għajjnuna komuni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u indiretta, kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 u mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 218/92, tas-27 ta' Jannar 1992, dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxi indiretti, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet tat-taxxa ta' l-Istat Membru minn fejn tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata l-merkanzija fil-kuntest ta' kunsinna intrakomunitarja mhumiex marbuta jitolbu informazzjoni mingħand l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni invokat mill-fornitur.

(¹) ĠU C 217 tat-3.9.2005.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ta' l-4 ta' Ottubru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' l-Iżvezja

(Kawża C-186/05) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Monopolju nazzjonali ta' bejgħ bl-innut ta' xorb alkoħoliku — Projbizzjoni ta' l-importazzjoni minn individwi)

(2007/C 297/05)

Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Ström van Lier u S. Pardo Quintillán, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' l-Iżvezja (rappreżentant: K. Wistrand, aġent)

Parti intervenjenti in sostenn tal-konvenut: Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: E. Bygglin, aġent)

Suġġett tal-kawża

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur ta' l-Artikoli 28 u 30 KE — Leġislazzjoni nazzjonali dwar monopolju nazzjonali ta' bejgħ bl-innut ta' xorb alkoħoliku li tipprojbixxi l-importazzjoni diretta ta' l-imsemmija xorb minn individwi

Dispożittiv

- 1) Billi pprojbixxa l-importazzjoni tax-xorb alkoħoliku minn persuni privati, li jaġixxu permezz ta' intermedjarji indipendenti jew permezz ta' trasportaturi professjonali magħżula minnhom, ir-Renju ta' l-Iżvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond l-Artikolu 28 KE, mingħajr ma din il-projbizzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala ġġustifikata skond l-Artikolu 30 KE.
- 2) Ir-Renju ta' l-Iżvezja huwa ordnat ibati l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 171, 9.7.2005.